# Il-Logħob ta' tfulitna

**D.K.C**



Meta konna għadna tfal, il-logħob u t-*toys* tagħna kienu sempliċi għall-aħħar, madankollu, konna nifirħu bix-xejn, u qatt ma neffaqna ħafna flus lill-ġenituri tagħna fix-xiri ta' affarijiet tal-logħob, waqt li llum jinxtraw tant ċekċik li jiswew wisq flus, u jidher li t-tfal illum ma tista' tikkontentahom b'xejn, għax dejjem iridu l-ġdid u iktar modern. Aħna s-subien kellna l-logħob tagħna u tfal bniet kellhom il-logħob tagħhom, għalkemm kien hemm logħob li kien jaqbel għal żewġ sessi.

F'dak iż-żmien il-logħob li bih konna nilgħabu aktarx kien magħmul minn oġġetti, ħa insejħilhom hekk *home made* u l-*games* kienu aktarx ikunu *out door games*, meta mbagħad iktar tard, daħlu l-Każini u ċ-Ċirklu tal-A.K, l-affarijiet inbidlu, għax magħhom daħlu mezzi u oġġetti ta' logħob, li qatt qabel bihom ma konna noħolmu. B'din il-kitba tiegħi sa nara niftakarx, almenu l-iżjed logħob komuni u favorit minna t-tfal fi tfuliti.

Ħa nibda biċ-ċippitatu: dan kien forma ta' żugraga kwadra, u b'ittra fuq kull faċċata tiegħu, u skont l-ittra li titfaċċa fuqha wieħed jirbaħ, per eżempju, jekk tiġi l-ittra T (li tfisser *Tutto*=kollox) wieħed jirbaħ kollox, u jekk tiġi l-ittra M=*mezzo* (nofs) wieħed jirbaħ in-nofs u eċċ.

Hawn jiena mhux se noqgħod infisser kull logħba li niftakar, għax żgur id-Direttur ta' dan il-magażin jiġbidli widinti minħabba l-ispazju, u għalhekk sa nsemmi biss l-isem ta' dawk il-logħbiet li nasal niftakar.

Kellna t-Trija, il-passju, iċ-ċiċra, it-*tug of war*, il-par jew l-logħob tal-karti, iżda mhux għall-flus, il-ludo, il-boċċi, l-iktar għas-subien u l-bniet kellhom iż-żibeġ, in-noli, ħafna subien kien ikollhom il-knisja, waqt li l-bniet il-pupa taċ-ċarruta, il-presepju fil-milied u ilbies bix-xkejjer fil-karnival, konna nagħmlu bċejjeċ tal-baħar maħduma mill-ferli jew mill-pall tal-bajtar u ngħumuhom fil-ġibja tal-Għajn tal-Hasselin jew fil-kalanka u ngħid , għall-ġieħ tal-istorja, li mbgħad wieħed minn sħabna, jekk għadni niftakar sew, kien Leli Debono tax-Xewwief, wassal li ivvinta mod kif imexxi biċċa tal-baħar, magħmulha forsi mill-ferli jew minn xi materjal ieħor, ġol-ġibja b'magna ta' żverjalin. It-tiġrijiet fit-triqat ma kienux jonqsu.

Fid-djar, almenu f'dik tagħna, kien ikollna dejjem il-bandla marbuta mal-kannizzata ġol-bitħa. Karettuni żgħar bir-roti magħmula mill-irkiekel tal-ħajt ma kenux xi ħaġa rari għalina, kif ukoll il-logħba ta' tliet ħofriet li fihom nippruvaw mill-bogħod indaħħlu ż-żibeġ jew il-boċċi. Xi għamla ta' telefon magħmul minn żewġ bottijiet f'kull tarf ta' spaga twila żgur ma kienx jonqos, għax aħna qatt ma ħlomna bil-mobile u tant mezzi oħra moderni tal-komunikazzjoni li hawn illum, u l-uniku telefon li niftakar fi tfuliti kien dak tal-għassa tal-pulizija.

Marridx ninsa nsemmi ċ-ċrieki tal-*wire* jew taż-żingu, li aħna s-subien konna nġerru fit-triqat, u li jekk bih kien jaqbdek il-pulizija kien joħodulek. Fejn għabu l- blalen taċ-ċarruta jew forsi tal-kamoxxa u l-bżieżaq tas-sapun li konna ntajru b'xi seffut minn ħalqna! Ċertament il-għawm fis-sajf kien l-isports preferit tat-tfal.

Qed inġib bħalissa quddiemi t-tajra jew il-ħamiema li konna nagħmlu bil-karti kuluriti jekk mhux ukoll xi drabi bil-karti tal-gazzetti jew minn xi biċċa borża tas-siment li jitwaħħlu bid-dqiq ma' ark tal-qasab marbuta u t-tajra kienet tkun marbuta ma' ħajta tar-rukkell u b'imħatra ta' min titla' l-aktar fil-għoli; u x'ors konna nagħmlu qrib il-15 ta' Lulju meta tagħlaq l-iskola u *teachers* kienu jagħtuna l-iskritti tal- *home work* u aħna t-tfal konna nagħmlu mill-karti tal-iskritti foqqiji u kulħadd, wara li kienu jiġu minfuħa bin-nifs tagħna stess ilkoll infaqqgħu dawk l-imbierka foqqiji.

Niftakar ukoll kif konna nagħmlu xorta ta' kurduni bil-ħajt kulurit maħduma fuq rukkell li fuqu kienu jiġu mwaħħla, jekk għadni niftakar sew xi tliet imsiemer u l-kurdun jinżel imbgħad imdendel l-isfel minn toqba ftit wiesa' ta' dak ir-rukkell.

Fejn għabet dik is-sempliċità ta' dari, għax illum ħlief affarijiet lussużi f'idejn it-tfal tagħna ma tarax, u l-ħin kollu tarahom itektktu fuq *mobiles* imsammra ma widnejhom.

Xi ngħidu mbagħad għal dik il-logħba msejħa l-ingliża bl-ispag f'idejna, il-qbiż tal-ħabel li kien id-delizzju tal-bniet, li forsi din hi ħaġa li għadek ssibu; il-mejx li kienu jilgħabuh kemm il-bniet kif ukoll is-subien fejnu llum? Kullma kellna kollox kien sempliċi. Iżda kollox movumentat u mhux il-ħin kollu bħal-lum bilqiegħda u iċċassati quddiem xi kompjuter jew l-internet u xejn arja tajba. Imnalla li hemm il-grawnd tal-Museum fejn it-tfal jingħaqdu fi gruppi u fil-miftuħ.

Mad-daħla tal-każini u bit-twaqqif taċ-Ċirklu Lauretana l-logħob intern tbiddel għall-aħħar u bdew isaltnu l-*indoor games*, bħaċ-ċess, drafts, table tennis, il-biljard, id-domino il-*monopoli*, il-magni storbjużi b'infieq ta' flus, kompetizzjonijiet u oġġetti oħra bħad-darts, plakki bil-ġanċijiet li tfal fihom jippruvaw idaħħlu mill-bogħod roti żgħar tal-lastiku, kif ukoll stand żgħir bi flixkun ġo fih li bħal ta' qabel it-tfal u wkoll żgħażagħ minn xi ftit bogħod kienu jwaddbu għal ġo għonq il-flixkun roti żgħar. Kemm xegħel iżjed imbgħad il-logħob tal-futbol bit-twaqqif tal-grawnd, li beda jiffunzjona fl-1954 bil-bandli u ċ-ċiklambuta, li l-*Playing Field Association* kienet tat lill-Azzjoni Kattolika.



Il-moderazzjoni hi tajba f'kollox u għalhekk il-hobbies u sports jistgħu jkunu ta' ġid spiritwali u fiżiku għat-tfal tagħna. Kif ġa għidt il-moderazzjoni hi tajba għal kulħadd u r-Rumani jgħidu *in medio stat virtus*.